MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 48/2004

Maltacom plc

vs

Gatt Brothers Limited u b'sentenza preliminari tal-20 ta' Dicembru 2005, l-isem tas-socjeta' konvenuta Gatt Brothers Limited gie kkoregut u nbidel ghal Gatt Construction Limited

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tas-socjeta' attrici li jghid hekk :

"Illi s-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata li thallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' tliet mija u tmienja u disghin liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm398.29) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' hsarat ikkagunati fl-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002), fi Triq Madre Margerita de Brincat, Kercem, Ghawdex, skond ma jidher mid-

dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala ‘Dok.A’ sa ‘Dok. C’.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta’ l-ittra ufficjali mibghuta f’Marzu 2004, ta’ l-ittra legali mibghuta f’Novembru 2003, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ingunzjoni tas-socjeta’ konvenuta ghas-subizzjoni.”

Ra r-risposta tal-konvenut li tghid hekk :

“It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghaliex huma nfondati kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza.”

Sama’ l-provi kollha li ressqu l-partijiet;

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Sama’ is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra :

Ma hemmx kontestazzjoni li l-hsara in kwistjoni giet ikkawzata mis-socjeta’ konvenuta waqt l-esekuzzjoni tax-xogholijiet ta’ skavar intraprizi. Izda ghalkemm is-socjeta’ attrici qed tattribwixxi r-responsabbilita’ ghall-akkadut lis-socjeta’ konvenuta din, da parti taghha, qed tichad r-responsabbilita’ billi ssostni li din il-hsara ma gratx tort taghha izda pjuttost minhabba nuqqas tal-istess socjeta’ attrici stante li l-cables milquta ma kienux fil-fond regolamentari u ma kien hemm ebda sinjali li bihom is-socjeta’ konvenuta setghet tkun taf li fejn kienet qeghdha thaffer kienu jinsabu dawn il-cables li gew danneggjati bhal per ezempju *warning tape*.

Jirrizulta mill-provi li l-kumpanija konvenuta kienet giet ikkuntrattata mill-Korporazzjoni Ghas-Servizzi tal-Ilma biex taghmel xoghol ta' *trenching* fi Triq Madre Margerita de Brincat, Kercem. Bhal ma jsir soltu qabel ma jistghu jinbdew progetti bhal dawn il-kuntrattur huwa obbligat li jissottometti applikazzjoni mal-Ministeru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni – Dipartiment tat-Toroq, ghall-permess mehtieg. Din l-applikazzjoni tigi cirkolata ma' diversi dipartimenti jew entitajiet li jista' jkollhom xi apparat fis-sottosuol sabiex jittiehdu l-mizuri kollha mehtiega biex ma ssirx hsara fl-apparat.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Carmel Mizzi Cefai, mpjegat mal-kumpanija attrici, dwar il-cable jew cables allegatament milquta, dawn kienu jifformaw parti minn sistema ta' *network* antika u li ma kien hemm ebda sinjali li jindikaw lill-kuntrattur fejn kien jinsab dan il-cable, bhal per ezempju *warning tape*. Dan il-cable kien mghoddi minn *ducts* li kienu midfunin fil-concrete u billi ma kien hemm ebda sinjal jew indikazzjoni li turi lill-kuntrattur minn fejn kien ikun ghaddej dan il-cable, kien obbligu tal-kuntrattur li jivverifika mal-kumpanija attrici qabel ma jibda x-xogholijiet ta' tqattieh tat-triq biex jigi ndikat lilu minn fuq is-superfici tat-triq minn fejn kienu ghaddejjin dawn il-cables. Dan ix-xhud ikompli jikkonferma u jsostni li mir-*records* tal-kumpanija attrici, permess biex isir tqattiegh fi Triq Madre Margerita de Brincat, Kercem, ma kienx sar, u ghaldaqstant ma kien mar hadd minn naha tal-kumpanija attrici biex jimmarkaw b'sinjali fuq is-superfici tat-triq minn fejn kienu ghaddejjin il-cables. Il-kumpannija attrici saret taf li kien hemm il-hsara fil-cables billi kien dahhlilha rapport ta' hsara minn fejn imbaghad irrizultalha li kienet il-kumpannija konvenuta li kienet qed twettaq xogholijiet ta' *trenching* f'dik it-triq u li kienet laqtet xi *cables*. Meta hu gie msejjah u mar fuq il-post, ma ra ebda sinjali jew marki fil-wicc tat-triq li kienu saru minn impjegati tal-kumpanija attrici biex jindikaw minn fejn kienu jew setghu kienu ghaddejjin dawn il-cables. Jispjega illi skond in-network l-antika, dawn il-cables kienu jigu mghoddija minn go *ducting* li jigi mirdum fil-konkos, imbaghad fuq il-konkos it-trinka tkun mimlija bl-irdim jew trab. Bin-network gdida li giet introdotta minn ftit ta' snin 'il hawn, is-sistema saret

aktar *safe*, fis-sens illi, wara li ssir trinka u jghaddi d-*ducting*, dan oltre li jimtela bil-konkos, u cioe jigi mirdum bil-konkos, fuq il-konkos imbaghad isir livell ta’ *leanmix concrete*, u mbaghad fuqu jinghata l-asfalt. Il-cables li gew iddanneggjati jifformaw parti minn *main duct route*, u ntlaqtu it-tnejn tal-wicc. Dawn it-tip ta’ cables li ntlaqtu huma cables li minnhom jigi distribwit is-servizz tat-telefon fid-djar. Skond ir-rapport ta’ PS 567 Teddy Bajada, mill-investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija dawn il-cables kienu xi pied u nofs l-isfel taht it-triq.

Ix-xhud Mario Gatt li huwa azzjonist fil-kumpanija konvenuta xehed li huwa jiehu hsieb il-karti tal-kumpanija u x-xoghol li jsir fuq barra. B’dan it-Tribunal jifhem li dan ix-xhud ghandu r-responsabbilkita’ fil-kumpanija li jara u jassigura ruhhu li qabel ma jsiru xogholijiet ta’ *trenching* il-kumpanija jkollha l-permessi kollha mehtiega u li qabel ma jinbdew ix-xogholijiet jassigura ruhhu wkoll li d-dipartimenti u l-entitajiet ikunu gew infurmati u li jkunu marru fuq il-post u jkunu ndikaw b’marki minn fuq is-superfici tat-triq minn fejn ikunu ghaddejjin is-servizzi jew xi apparat iehor taghhom li jista’ jkun ghaddej minn taht it-triq. Dan ix-xhud, li huwa l-uniku xhud li gie prodott mill-kumpanija konvenuta dwar x’soltu jsir meta l-kumpanija taghmel xoghol ta’ *trenching* fit-toroq, stqarr li ma jafx anzi’ ma jiftakarx jekk f’dan il-kaz partikolari l-kumpanija kenitx talbet permess bil-miktub lid-Dipartiment tat-Toroq qabel ma bdew ix-xogholijiet ta’ thaffir fit-triq. Jammetti li mhux dejjem kien jintalab dan il-permess u normalment jigu avzati d-dipartimenti jew l-entitajiet li jista’ jkollhom xi apparat fis-sottosuol, bit-telefon. Sqarr li lanqas ma jaf jekk kienux marru haddiema mill-kumpanija attrici biex jaghmlu l-marki qabel ma bdew ix-xogholijiet. Ghalkemm jikkonferma li kien hemm xi marki fuq il-wicc tat-triq, huwa m’gharafx iwiegeb bl-ezatt minn min dawn kienu saru. Baqghet ma giet esbita ebda kopja ta’ talba ghall-permess li kienet jew setghet kienet ghamlet is-socjeta’ konvenuta bil-miktub qabel ma pprocediet bix-xogholijiet imsemmija. Ma jirrizultax, almenu mill-atti, li s-socjeta’ konvenuta kienet talbet formalment dan il-permess.

Qabel ma jinbdew xogholijiet bhal dawk li saru mis-socjeta' konvenuta, huwa mehtieg anzi' huwa obbligatorju li jintalab formalment il-permess mid-Dipartiment tat-Toroq, u qabel ma dan jinhareg, u jsiru l-marki li jkun hemm bzonn mid-dipartimenti jew entitajiet li jista' jkollhom xi apparat fis-sottosuol, u jigi assigurat li dan sar, mhu suppost u m'ghandhom jinbdew ebda xogholijiet. Dan il-permess ikun normalment wiehed b'kundizzjonijiet *standard* u jkun fih kundizzjonijiet soliti fosthom li jobbligaw lis-socjeta' attrici li tindika fuq is-superfici tat-triq b'mod kemm jista' jkun ezatt, l-pozizzjoni tat-*telecomunications infrastructure* ezistenti. Biss l-istess socjeta' attrici ma taghti ebda garanzija li dawn il-marki li jsiru mill-impjegati taghha jkunu ezatti. L-istess kundizzjonijiet ghalhekk jobbligaw lill-kuntrattur li jiehu "*all the responsibility to take the necessary precautions to assure that the underground infrastructure is not damaged.*" Fost dawn il-prekawzjonijiet il-kundizzjonijiet jistipulaw li l-kuntrattur ghandu jaghmel "*the appropriate number of pilot holes to ascertain oneself the whereabouts of the buried plant with the aim that no damage is caused.*" L-istess kundizzjonijiet normalment jistipolaw ukoll li inoltre "*the contractor is to make use of the proper track location equipment"* u fejn il-"*cables laid beyond a certain depth cannot be track located",* il-kuntrattur huwa obbligat li juza apparat ta' thaffir li ma jikkawzax hsara lil din l*"infrastructure. Hand tools are recomneded for such work."*

Li jintalab permess b'semplici telefonata mhuwiex accettabli, u ghal dan it-Tribunal din mhijiex il-procedura li s-socjeta' konvenuta kellha tiehu fic-cirkostanzi. Mix-xhieda ta' Mario Gatt, dan it-Tribunal mhuwiex daqstant konvint li s-socjeta' konvenuta kienet talbet il-permess mehtieg qabel ma bdiet thaffer it-triq. Lanqas mhuwa konvint dan it-Tribunal li permess bhal dan jintalab u jigi ottenut b'semplici talba bil-fomm jew b'semplici telefonata.

Fic-cirkostanzi dan it-Tribunal isib li hemm nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta, forsi b'nuqqas ta' hsieb jew forsi l-ghaliex hadet l-affarijiet *for grtanted*, liema nuqqas wassal

ghall-hsara li giet sofferta mis-socjeta’ attrici, li taghha ghandha ghalhekk tinzamm responsabbli.

It-talba attrici timmerita ghalhekk li tigi milqugha.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta, jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u filwaqt li jsib lis-socjeta’ konvenuta responsabbli, jikkundannaha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tliet mija u tmienja u disghin liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmi (Lm398.29) ekwivalenti ghal disgha mija u seba’ u ghoxrin Euros u sitta u sebghin centesimi (Euros 927.76), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma’ hsarat ikkagunati fuq zewg cable distributorju tas-socjeta’ attrici fl-ghoxrin (20) ta’ Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002), fi Triq Madre Margerita de Brincat, Kercem, Ghawdex, bl-imghaxijiet legali fuq din is-somma b’effett mill-prezentata tal-Avviz tat-talba sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha konnessi mat-talba tas-socjeta’ attrici u tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Marzu 2004, inkluza l-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali tal-avukat tas-socjeta’ attrici, kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------